MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 125/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

I

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imputat I talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Marzu 2002 u matul l-ahhar tliet (3) snin qabel dina d-data:

(a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita`

moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma' kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma' kellu licenzja li tipprokura l-istess droga;

(b) Biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

(c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(d) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta mehuda mir-raza tal-Cannabis, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(e) Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat ghad-dannu ta' Tania Lia mill-Hamrun;

(f) Meta sab hwejjeg li kienu naqsu lil Tania Lia mill-Hamrun jew li dina kienet tilfet, ma gharrafx bihom fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Esekuttiva;

(g) Bhala ufficjal pubbliku, ikkometta dawn ir-reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi I ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ April 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-artikolu 29 tal-Kap. 101, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll l-artikoli 17(h), 141, 334(a)(b)(c) u 340(c) tal-kap. 9, sabet lill-imsemmi I hati ta l-imputazzjonijiet (a), (b), (c), (d) u l-aggravju ta’ wara l-paragrafu (f) b’dan pero` li l-imputazzjoni (c) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) u l-imputazzjoni (d) assorbita fl-imputazzjoni (b) waqtli lliberatu mill-imputazzjonijiet (e) u (f), u kkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ta’ hmistax-il xahar u ghall-hlas ta’ multa ta’ elf u erba’ mitt euro (€1400) liema multa tista’ tithallas bir-rata ta’ €232 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba’ gimghat mid-data tas-sentenza. Jekk il-multa jew parti minnha ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghall kull €11.65 li ma tithallasx. Inoltre l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9 minhabba li l-esperti nhatru matul inkjesta li saret qabel is-16 ta’ Jannar 2006 u ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi imputat I pprezentat fil-5 ta’ Mejju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberatu mill-imputazzjonijiet (e) u (f) kif ukoll f’dik il-parti fejn sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet (a) (b) (c) (d) kif ukoll ta’ l-aggravanti indikata bhala imputazzjoni (g) (bl-assorbiment tal-imputazzjonijiet) u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ghal hmistax-il xahar u multa ta’ €1400, u minflok tinfliggi piena aktar gusta u idoneja ghall-fatti tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta’ l-ufficjal tal-*probation* Carmen Nygaard u tas-Supretendent Neil Harrison;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis bhala gravuza. Jghid illi l-ewwel Qorti giet influwenzata aktar milli jmissha mill-fatt li huwa kien ufficjal li kellu d-dmir li jara li ma titwassalx droga ghand prigunieri. Jghid li l-kariga tieghu u l-fatt d-droga kienet intiza ghal persuna li kienet qed isservi sentenza ta' prigunerija huma zewg cirkostanzi jiddependu fuq xulxin u f'certu sens wahda assorbita fl-ohra. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tehodhom bhala cirkostanza unika. L-appellant jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti ma tatx konsiderazzjoni misthoqqha lill-fatturi pozittivi. Ma kkunsidratx l-ammissjoni tieghu. Ma apprezzatx illi hu kien qieghed jabbuza mid-droga u ghalhekk kien tilef kull sens ta' oggettivita` professjonali. Dak li l-appellant isostni jaggravah l-aktar huwa li ma jidhirx li l-ewwel Qorti tat dak il-piz misthoqq lill-fatt li fid-data tal-kommissjoni tar-reati huwa kien mahkum b'vizzju li issa rnexxielu jeghleb b'success, u ghalkemm kien diga` ser jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101, ha sehem f'operazzjoni kontrollata biex titwaqqaf transazjoni ta' ammont konsiderevoli ta' droga li kienet se tigi traffikata f'Malta.

Issa, kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser f'diversi sentenzi taghha, bhala regola hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti jekk din il-piena tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn, oggettivament riskontrabbli, x'jindika li din kellha tkun anqas minn dik li effettivament inghatat[1]. Fi kliem iehor, fuq appell dwar il-piena, din il-Qorti, bhala regola, ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive" [2].

[1] Ara, fost ohrajn, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Borg u John Sultana*** App. Krim. 3/2/05.
[2] ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Marco Zarb*** App. Krim. 15/12/05.

Dwar l-ewwel ilment tieghu ftit hemm x'jinghad peress illi huwa certament fattur negattiv fih innifsu li droga tinghata kemm lil persuna li tkun qed isservi sentenza ta' prigunerija kif ukoll lil persuna li tkun qieghda *awaiting trial*, u dan peress illi habs jew facilita` korrettiva ghandhom ikunu idejalment *drug free*. Aktar u aktar meta numru konsiderevoli ta' persuni jkunu hemm proprju minhabba reati relatati mad-droga. F'dan il-kaz imbaghad il-kariga ta' l-appellant gustament ittiehdet in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti peress illi hija l-ligi stess li tohloq l-aggravanti skond l-artikolu 141 tal-Kap. 9.

Dwar il-fatturi pozittivi m'hemmx dubju li dawn gew ikkunsidrati mill-ewwel Qorti galadarba elenkati minnha. Huwa minnu li ma elenkatx l-ammissjoni ta' l-appellant fost il-fatturi pozittivi. Min-naha l-ohra ftit li xejn seta' jibbenefika mill-fatt li ammetta peress illi din l-ammissjoni saret mhux biss wara li kienu ilhom li ntemmew il-provi tal-prosekuzzjoni izda sahansitra wara li nstemghu l-provi tad-difiza. Imbaghad il-fatt li hu nnifsu kellu problema ta' droga ma tista' b'ebda mod ma tittiehed bhala xi attenwanti.

Dak li din il-Qorti trid tissofferma fuqu huwa l-fattur ta' l-ghajnuna li l-appellant ta lill-Pulizija fil-mori ta' dan il-kaz, u dan wara li kienet diga` saret id-dikjarazzjoni mill-prosekuzzjoni li l-appellant kien jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101[3]. Dan il-fattur issemma wkoll fis-sentenza appellata izda din il-Qorti semghet mill-gdid lis-Supretendent Neil Harrison f'dar-rigward. Mix-xiehda tieghu jirrizulta illi l-appellant ta informazzjoni f'zewg okkazjonijiet. Okkazjoni minnhom kienet tirrigwarda kaz ta' *street-pushing* li tat rizultati pozittivi u ttiehdu proceduri kontra xi persuni. Kaz iehor kien jirrigwarda informazzjoni dwar fornitur tad-droga u f'dan il-kaz l-appellant ippartecipa f'konsenja kontrollata. Fid-deposizzjoni tieghu s-Supretendent Neil Harrison enfasizza r-rwol determinanti li l-appellant kellu sabiex jinqabad u jigi processat il-fornitur tad-droga. Spjega li l-appellant kien diga` xehed waqt l-Istruttorja kontra l-persuna koncernata

---

[3] Ara verbal a fol. 4 tal-process.

u kien mistenni li jixhed ukoll fil-guri. Fi kliem iehor, l-appellant mhux biss ghen lill-Pulizija sabiex taqbad il-persuna li kienet ipprovditilha d-droga mertu ta' dan il-kaz – u allura japplika l-Artikolu 29 [4] tal-Kap. 101 – haga li dwarha ma hemmx kontestazzjoni – izda personalment ippartecipa f'konsenja kontrollata sabiex tinqabad persuna ohra. Il-konsenja eventwali ma saritx izda dan kien peress illi l-Pulizija stess rat li kien hemm certi riskji ghall-persuna li ma kinux accettabbli ghalihom.

Fl-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antoine Debattista** tat-12 ta' Jannar 2006, intqal hekk dwar sitwazzjoni konsimili:

**"Issa, huwa appena necessarju jinghad li persuna tista' tikkwalifika biex tibbenefika mill-Artikolu 29 billi semplicement tindika ossia tizvela l-fornitur tad-droga – basta, s'intendi, li tali indikazzjoni <u>tkun verament ikkontribwiet sabiex il-Pulizija tkun f'posizzjoni li tressaq lit-traffikant il-Qorti</u> [5] – minghajr il-htiega li tippartecipa personalment [6] ukoll f'konsenja kontrollata. Tali partecipazzjoni tmur ferm lil hinn minn dak li l-legislatur ippretenda mill-hati sabiex ikun jista' jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena skond l-imsemmi Artikolu 29."**

Jigifieri, ghalkemm huwa veru li t-tnaqqis fil-piena f'kaz li wiehed jizvela l-fornitur tad-droga u jghin biex dan jinqabad fis-sens hawn aktar 'il fuq spjegat huwa regolat bl-Artikolu 29, dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm cirkostanzi <u>ohra</u> li jkunu jirrikjedu li l-Qorti taghtihom attenzjoni u piz partikolari.

Huwa minnu, kif diga` ntqal, li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal ghajnuna ohra importanti li l-appellant ta

---

[4] Applikabbli fil-kaz tal-Kap. 31 in forza ta' l-Artikolu 120A(2B) ta' l-imsemmi Kap. 31.
[5] Ara ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Borg u John Sultana***, nota *in calce* nru 2, *supra*.
[6] Dejjem taht is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija u bil-kunsens ta' l-Avukat Generali jew ta' Magistrat skond il-ligi.

lill-Pulizija a bazi ta’ dak li kien xehed is-Supretendent Neil Harrison quddiemha. Izda fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ewwel Qorti ma tatx il-piz misthoqq ghar-riskji li kien qieghed jinkorri l-appellant ghall-inkolumita` tieghu kif spjegat mis-Supretendent Neil Harrison quddiem din il-Qorti, tant li kienu l-Pulizija stess li ddecidew li ma jhallux l-operazzjoni, li kienet tinvolvi ammont sostanzjali ta’ droga, titkompla sat-tmiem taghha. Barra minn hekk ma jirrizultax li dik il-Qorti tat konsiderazzjoni ghall-fatt li l-appellant diga` xehed fil-proceduri kontra l-fornitur.

Mill-banda l-ohra, din il-Qorti trid taghmilha cara li l-margini li fihom hija tista` ticcaqlaq, bhalma kienu l-margini li kellha l-ewwel Qorti, huma limitati. Huwa veru li, jekk wiehed jiehu biss il-piena karcerarja dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet[7], din hija, u bir-riduzzjoni ta’ zewg gradi skond l-imsemmi Artikolu 29, ta’ minimu ta’ ghoxrin gurnata u massimu ta’ sitt snin prigunerija; pero` mal-piena ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet trid tizdied dik fir-rigward tat-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet[8], u f’dan ir-rigward jidhol fis-sehh ukoll il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 17[9] tal-Kodici Kriminali. Inoltre l-piena terga tizdied bi grad minhabba l-aggravanti skond l-artikolu 141 tal-Kap. 9.

Tenut kont ta’ dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tilqa’ l-appell billi tirriduci, ghalkemm marginalment, il-piena inflitta fuq l-appellant.

Ghal dawn il-motivi;

Tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ prigunerija ta’ hmistax-il xahar u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ ghaxar xhur u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluza

[7] Li fir-rigward taghhom japplika l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali: *“Meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena l-aktar gravi.”*

[8] Hawn ukoll bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

[9] 17(b): *“Persuna hatja ta’ zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta` persunali, tigi ikkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien, b’dan li z-zmien li jinghata ma jiskorrix hamsa u tletin sena.”*

ghalhekk il-parti dwar l-ispejjez peritali u l-konfiska tal-proprjeta`. L-awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghandhom jiehdu l-mizuri kollha mehtiega kemm sabiex l-appellant ikollu l-ghajnuna mehtiega biex jibqa' mbieghed mill-vizzju tad-droga kif ukoll sabiex tithares l-inkolumita` tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------